MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 39/2007/1

**Perit Joseph P. Mallia**

**vs**

**Mary Louise Cini**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur tar-rikorrent Perit Joseph P. Mallia li jghid hekk:

Illi l-esponent jikri lill-intimata garage numru 14, Victor Denaro Street, Msida versu l-kera ta’ mitejn lira (Lm200) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem l-iskadenza li tmiss taghlaq fl-ewwel (1) ta’ Gunju 2007.

U peress illi dan il-garage nkera lill-intimat ghal skop ta’ parkeggjar ta’ karozza privata.

U peress illi l-esponenti jixtieq jiehu lura l-pussess tal-imsemmi garage hekk kif jaghlaq il-perjodu attwali fil-31 ta' Mejju 2007 stante li mhux bi hsiebu li jerga jgedded il-kirja in kwistjoni ghal sena ohra successiva.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett kollu illi dan il-Bord joghgbu ghar-raguni premessa jordna lill-intimata tizgumbra 'l barra mill-precitat garage fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dan l-istess Bord.

Ra r-risposta tal-intimata  Marie Louise Cini li tghid hekk:

Illi preliminarjament in-nullita' tal-azzjoni tar-rikorrenti stante li t-talba biex jiehu lura l-pussess tal-proprjeta' in kwistjoni u cioe' erbatax (14), Triq Victor Denaro, Msida m'hjiex ibbazzata fuq wahda mir-ragunjiet tassattivament elenkati fil-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt  stante li l-intimata dejjem ottemprat ruhha mal-kundizzjonijiet kollhaa tal-kirja u ghalhekk m'hemmx raguni valida wahda l-ghada l-kirja m'ghandhiex terga tigi mgedda'.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha l-intimata ammettiet t-talbiet tar-rikorrenti u ddikjarat illi tkun f'posizzjoni tillibera l-fond fl-1 ta' Jannar 2011 u dan kien maqbul mir-rikorrenti;

Illi ghalhekk mhix mehtiega  konsiderazzjoni ulterjuri ta' dan il-Bord

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-fond garage numru 14 Victor Denaro Street, Msida mill-1 ta' Jannar 2011 'l quddiem.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------